**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**
**- vs -**
**Ernest Farrugia ta' 30 sena, iben Francis u Pauline xebba Cauchi li joqghod 47, Windmill Street, Rabat, Ghawdex.**
**Karta ta' l-Identita' Nru 5470 (G)**

Illum 13 ta' Marzu 2002.

Il-Qorti

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat talli fis-7 ta' Settembru 2000 ghall-habta tal-5.50p.m. (1) kien u kkaccja gewwa r-riserva naturali fuq l-gholjiet Ta' Cenc, Ghawdex, (2) aktar talli kellu aktar minn zewg skratac fil-magazine ta' l-arma, (3) aktar talli kellu munizzjoni jew skratac b'comb ta' aktar minn 3.2mm dijametru. Minbarra l-piena stabbilita l-Qorti hija gentilment mitluba tordna l-konfiska ta' l-arma senter Benelli Serial No. M154762, cinturin b'sebgha u ghoxrin (27) skratac, horga bi tmien (8) skratac u hames (5) skratac li kienu fl-arma u tromba li huma kollha esebiti. Tiskwalifika lill-akkuzat milli jottjeni jew ikollu licenzja tal-kacca jew ghal zamm ta' armi ghal zmien ta' mhux aktar minn sena.

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat illi mill-provi prodotti din il-Qorti tqis illi l-akkuzi huma debitament pruvati;

Ghal dawn il-mottivi ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kif detotti kontra tieghu;

Wara li rat l-artikoli 10 (5), 21 (1), 19 u 25 ta' l-Avviz Legali 146/1993;

Tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' tlett mitt lira Maltin (Lm300) u tiskwalifikah milli jkolli jew jottjeni licenzja tal-kacca ghal zmien sena mill-lum u oltre dan tordna l-konfiska ta' l-oggetti esebiti fis-seduta tas-17 t' Ottubru 2001.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
D/Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur